MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta tat-28 ta' April, 2003

Talba Numru. 1505/2002

***Camilleri Paris Mode Limited***

***vs***

***Prova Limited***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta’ Gunju, 2002, fejn intalab li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf mitejn u sitta u sebghin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm1276.43) rappresentanti prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta’ konvenuta u dana bejn Novembru u Dicembru tas-sena 2000.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 24 ta’ Jannar 2002 u bl-imghaxijiet legali mid-dati tal-invoices relattivi kontra s-socjeta’ konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta pprezentata fis-26 ta’ Lulju 2002 li permezz taghha hija eccepiet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-merkanzija ma kienitx ikkonsenjata lis-socjeta’ konvenuta, izda lil socjeta’ ohra.

Sema' x-xhieda ta’ Mark Camilleri u Franco Camilleri, rappresentanti tas-socjeta’ attrici

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti u cioe’ d-Dokumenti MC1 sa MC3, konsistenti f’*statements* u *invoices*, id-Dokumenti MC4 u MC5, mahruga mir-*Registry of Companies* u d-Dokumenti FC1 sa FC4, konsistenti f’*invoices* u *order forms*.

Ikkunsidra:

Illi s-socjeta’ attrici qieghda permezz tal-presenti istanza titlob il-hlas ta’ prezz ta’ merkanzija konsistenti f’drappijiet u accessorji ohra mibjugha lis-socjeta’ konvenuta u mhux imhallsa.

Mark Camilleri, *administration manager* fi hdan is-socjeta’ attrici jikkontendi illi dan il-bejgh kien sar meta kien mar fil-hanut taghhom Wayne Chetcuti rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta sabiex jixtri xi drappijiet u dana sabiex juzah fir-*restaurant* li kien ser jiftah bl-isem ta’ Insomnia. Ix-xoghol kien gie kkonsenjat lit-tappizzar biex huwa jkun jista’ jibda jahdem fuq l-istess drapp u dana fuq istruzzjonijiet moghtija lilhom minn Wayne Chetcuti stess. Jidher illi Wayne Chetcuti kien hallas permezz ta’ cekk datat 1 ta’ Frar 2001, liema cekk pero’ ma kienx gie onorat. Wara Wayne Chetcuti kien rega’ hareg cekk iehor datat 1 ta’ Marzu 2001, pero’ kien qalilhom biex ma jsarrfuhx ghaliex ma kienx hemm fondi fil-kont. Huwa ma kienx qieghed jikkontesta l-ammont mitlub. Huwa fil-fatt infurmahom illi kien hemm suspett ta’ frodi fi hdan is-socjeta’ u ghalhekk kien ikkancella c-cekkijiet. Huma fil-fatt kellhom f’idejhom madwar tnejn jew tlett cekkijiet ohra. Ghalhekk huma baqghu ma sarrfux dawn ic-cekkijiet. Huwa jghid illi Wayne Chetcuti jirrapprezenta lis-socjeta’ Prova Limited u mhux D’Elena Décor Limited u dana kif jirrizulta miz-zewg

estratti mahruga mill-Malta Financial Services Centre immarkati bhala Dokumenti MC4 u MC5 minn fejn jirrizulta illi Wayne Chetcuti jirrapprezenta lis-socjeta' konvenuta.

Wara li ma kienx gie onorat ic-cekk, Wayne Chetcuti kien infurmah illi l-merkanzija kienet giet mixtrija ghan-nom ta' terza persuna u li l-hlas kellha taghmlu din it-terza persuna. Kien Wayne Chetcuti stess li kien tahom istruzzjonijiet, meta mar biex jixtri l-merkanzija, sabiex l-*invoices* johorgu fuq isem is-socjeta' Prova Limited bl-indirizz c/o D'Elena Décor Limited, Naxxar Road, Lija. L-ammont li tieghu qieghed jintalab il-hlas permezz tal-presenti istanza huwa rifless fid-Dokumenti MC1 sa MC3 esibiti mill-istess xhud.

Ix-xhud Franco Camilleri ezebixxa l-*order forms* li kienu gew mimlija minnu stess, u li nhargu favur il-kumpanija Prova Limited. (a fol 34 u 35). Jikkonferma li kien Wayne Chetcuti stess li kien tah istruzzjonijiet sabiex l-*invoice* tohrog favur is-socjeta' Prova Limited bl-indirizz D'Elena, Naxxar Road, Lija. Jikkonferma illi l-merkanzija kienet ser tigi utilizzata gewwa post f'Paceville sabiex jinksew xi sufanijiet u biex issir it-tappizzerija mal-hitan, izda Wayne Chetcuti ma kienx qallu illi l-post ma kienx tieghu izda ta' haddiehor.

Illi s-socjeta' konvenuta naqqset li tressaq il-provi taghha f'din l-istanza u ghall-ebda seduta quddiem it-Tribunal ma deher Wayne Chetcuti bhala r-rappresentant tas-socjeta' konvenuta biex jissostanzja l-eccezzjoni minnu sollevata, ghalkemm il-kawza kienet giet differita ghal provi tas-socjeta' konvenuta ghas-seduti tat-3 ta' Frar 2003 u tas-17 ta' Marzu 2003.

Ikkunsidra:

Illi mill-provi prodotti ma hemmx dubbju illi s-socjeta' attrici rnexxielha tipprova t-talba taghha kemm mix-xhieda moghtija mir-rappresentanti ta' l-istess socjeta' kif ukoll mid-dokumenti esibiti.

Illi mill-*invoices* u *statements* esibiti u cioe' Dokument MC1 sa MC3 jirrizulta illi l-ammont dovut mis-socjeta' konvenuta jammonta ghal dak mitlub fl-avviz u cioe' elf mitejn u sitta u sebghin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm1276.43), liema ammont ma jidhirx illi qed jigi kkontestat min-naha tas-socjeta' konvenuta.

Illi l-unika eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta hija illi l-merkanzija mibjugha kienet giet ikkonsenjata lil socjeta' ohra u mhux lis-socjeta' konvenuta u li ghalhekk l-ammont ma huwiex dovut minnha.
Illi kif diga nghad, is-socjeta' konvenuta ma ressqitx provi in sostenn ta' din l-eccezzjoni. Izda mhux biss hekk, izda x-xhieda prodotti mis-socjeta' attrici jindikaw illi din l-eccezzjoni ma hijiex wahda fondata la fil-fatt u lanqas fid-dritt.

Fl-ewwel lok l-Kodici Civili huwa car meta jiddisponi illi t-transazzjoni tal-bejgh tigi konkluza meta jsir il-ftehim dwar il-prezz u l-oggett tal-bejgh. L-artikolu 1347 ighid testwalment:

*"Il-bejgh hu perfett bejn il-partijiet, u in kwantu ghall-bejjiegh, il-proprjeta' tal-haga tghaddi ghand ix-xerrej malli jsir il-ftehim fuq il-haga u fuq il-prezz, ghalkemm il-haga tkun ghada ma gietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun ghad thallas il-prezz; u minn dak il-hin il-haga innifisha tibqa' ghar-riskju u ghall-uzu tax-xerrej."*

Illi mid-dokumenti esibiti (ara l-order forms a fol 34 u 35 ta' l-atti processwali), jidher illi t-transazzjoni tal-bejgh gie konkluz ma' Wayne Chetcuti li kien rappresentant tas-socjeta' konvenuta u dana minn informazzjoni moghtija minnu stess. Dana huwa kkonfermat mid-dokument rilaxxjat mir-*Registry of Companies* minn fejn jirrizulta illi s-socjeta' Prova Limited tappartjeni lil Wayne Chetcuti u li huwa r-rappresentant ta' l-istess. Illi kwindi s-sitwazzjoni giet ikkristalizzata f'dak il-mument immaterjalment fejn giet ikkonsenjata l-istess merkanzija. Illi s-socjeta' D'Elena Décor Limited hija socjeta' kummercjali ohra li ma tidhirx li tappartjeni lil Wayne Chetcuti li mieghu saru t-trattativi tal-bejgh.

Illi kwindi l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta ma tistax tigi milqugha.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' konvenuta, jghaddi biex jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mitejn u sitta u sebghin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm1276.43), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-24 ta' Jannar 2002 ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------